**FIL-BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TAR-RABA**

**Magistrat Dr Joseph Apap Bologna BA. LL.D.**

**Illum, 1 ta' Dicembru 2000**

**Rikors Nru: 10/95B**

**Perit Arkitett Rene' Buttigieg, Roberta u Meinrad konjugi Calleja, Rachelle Buttigieg u Adrian Calleja bhala mandatarju specjali tal-assenti Maronna u Victor konjugi Calleja**

**vs**

**George u Carmen konjugi Sammut**

Il-Bord,

Ra r-rikors in ezami li bih ir-rikorrenti wara li ppremettew illi huma jikru lill-intimati bi qbiela porzjoni raba formanti parti mill-art "Ta' Hbula" li ghandha faccata fuq Annibale Preca Street, Lija tal-kejl din l-porzjoni mikrija ta' sitt itmiem, u dan versu l-qbiela annwali ta' tnax il-lira (Lm12) bil-quddiem li tithallas kull 15 ta' Awissu u l-iskadenza li tmiss taghlaq fil-15 ta' Awissu 1995.

Illi r-rikorrenti ghandhom bzonn jirriprendu l-pussess tal-istess raba biex jizviluppawh f'bini, billi din l-art hija fl-iskema tal-bini fil-pjan regolatur u indikata ghal-izvilupp ta' terraced houses li ghalihom jistghu jinhargu l-permessi relattivi ghal-bini.

Illi l-esponenti jridu jizviluppaw l-art li giet mqassma fi plots u jridu l-hrug tal-permess tal-bini relattiv ghall-porzjoni ta' kejl superficjali ta' cirka 45 qasab kwadri li tmiss mil-Lvant ma' Triq progettata, min-nofsinhar ma' beni ta' Charles Bonnici u mit-tramuntana minn parti ohra tal-istess ghalqa, propjeta' tar-rikorrenti, liema porzjoni hija indikata bhala plot 26 fuq l-pjanta hawn annessa u immarkata Dok. A, kif wkoll porzjoni ohra tal-istess ghalqa ta'

wisgha daqs nofs it-triq progettata ta' kejl superficjali ta' cirka 23 qasab kwadri u li taghti ghal Annibale Preca Street u li tinsab immarkata bl-ittri ABCD fuq l-pjanta fuq imsemmija.

Talbu bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-art fuq indikata u cjoe' tal-plot numru 26 fuq l-pjanta hawn annessa Dok. A tal-kejl superficjali ta' cirka 45 qasab kwadri u tal-porzjoni art adjacenti ghal istess plot ta' kejl superficjali ta' cirka 23 qasab kwardi u li hija indikata bl-ittri ABCD fuq l-pjanta imsemmija mil-poter tal-intimati billi jordna lill-intimati jizgombraw mill-istess fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss, prevja l-likwidazzjoni u hlas tal-kumpens xieraq li jista' jkun talvolta dovut lill-intimati skond il-ligi.

Ra r-risposta tal-intimati (a fol 7 tal-atti) li biha eccepew bir-rispett:

1. Illi Rachelle Buttigieg u Adrian Calleja ghandhom jipprovaw il-mandat taghhom ta' Maronna u Victor Calleja.

2. Illi r-rikorrenti ghandhom qabel xejn jipprezentaw kopja tal-permess tal-bini relattiv ghat-talba taghhom.

3. Illi r-raba in kwistjoni huwa fonti ewlieni ghall-ghixien tal-esponent u l-familja tieghu. L-esponent ghamel diversi benefikati tul il-lokazzjoni li f'kaz li t-talba tar-rikorrenti tigi milqugha ghandu jittiehed kont taghhom ghall-finijiet tal-kumpens.

4. Illi f'kull kaz it-talba tar-rikorrenti ma tistax tigi milqugha ghal dik il-parti fejn mhux ser isir bini, aktar u aktar jekk mhijiex koperta bil-permess tal-bini.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-atti kollha tal-kawza specjalment id-digriet tal-20 ta' Novembru 1996 a fol 14 u 21 tal-atti kif ukoll il-verbali tas-seduta tal-20 ta' Novembru 1996, tas-26 ta' Frar 1997, tat-8 ta' Ottubru 1997, tas-27 ta' Novembru 1998.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi jinghad, preliminarjament, illi l-intimati qatt ma ssottomettew xi prova in sostenn ta' dak premess fl-imsemmija risposta u in rigward dan ghandha ssir referenza ghall-verbali tas-seduti hawn fuq citati.

Ikkunsidra

Illi in rigward il-mertu u dak premess fl-istess risposta, ssir referenza:

a) ghad-dokumenti a fol 19 u 20 tal-istess atti.

b) ghax-xhieda tar-rikorrenti, il-Perit Rene' Buttigieg a fol 15 tal-istess u li esebixxa il-permess ta' bini fuq l-art in kwistjoni flimkien ma' pjanta li fuqha hemm murija l-istess art (fol 18 tal-atti).

c) ghar-relazzjoni tal-periti teknici ta' dan il-Bord minn fejn jidher li f'dan il-kaz ".... ma hemm dovut l-ebda kumpens ai termini tal-Ligi".

Ikkunsidra

Illi a bazi tal-provi li sar accenn ghalihom hawn fuq, jidher li t-talbiet kif dedotti mill-istess rikors ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u

1) jawtorizza lill-istess rikorrenti jirriprendu l-pussess tal-art in kwistjoni specifikatament tal-"plot" numru 26 tal-kejl superficjali ta' madwar 45 qasab kwadri u tal-porzjoni art adjacenti ghall-istess "plot" u ta' kejl superficjali ta' madwar 23 qasab kwadri u li kollha huma markati fuq l-annessi pjanti a fol 3 tal-atti u a fol 18 ibid liema pjanti ghandhom jigu kunsiderati bhala parti integrali minn din is-sentenza.

2) Jordna lill-istess intimati sabiex jizgombraw mill-istess art kif deskritta sal-15 ta' Awissu 2001 u dan kollu minghajr ebda kumpens dovut.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

Alan Calleja
Dep.Reg.